MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru. 113/2002
Kawza Numru. 2

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Massimo Caruana.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Massimo Caruana ta' 22 sena mwieled fit-23 ta' Jannar 1980 f'Ħ'Attard bin Edwin u Anna nne Bezzina detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 91880(M) residenti 69 Old Mint Street Valletta.

Akkużat talli fit-22 ta' Settembru 1998 u l-ahhar tliet xhur qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina u kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f’każ ta’ ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar l-ispejjeż tal-esperti.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 918 tal-1980, l-ordni tal-Avukat

Ġenerali tal-20 ta' Ġunju 2000, il-fedina penali tal-imputat (fol 10 et), l-istqarrija tal-imputat a fol 17, il-konferma tal-esperti maħturin matul l-inkjesta, u s-separazzjoni tal-atti (fol.31)

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

6. Skond l-Ispettur Norbert Ciappara ċerta Ġorġ Bonello kien irrilaxxja stqarrija fejn qal li kien xtara ħames pakketti droga minn għand Massimo Caruana. Il-Pulizija kienu mxew wara Massimo Caruana u sabuh taħt siġra b'važett li fih kien hemm xi trab abjad. Fil-akrozza tiegħu nstab važett simili għal dak li kien hemm fl-art. Fl-istqarrija tiegħu Massimo Caruana ma kien irrisponda ebda domanda. Fuq il-persuna tiegħu kienu nstabu Lm123.

7. L-Ispiżjar Mario Mifsud kien ikkonferma r-relazzjoni tiegħu. Mir-relazzjoni jirriżulta li kien hemm ħamest iqratas (fol.21) li kellhom 0.567 grammi ta' eroina (miġbura minn fuq George Bonello) u borża b'21 gramma kokaina (elevate mil—art taħt Ġeorge Bonello)..

8. L-Ispettur Raymond Cassar u PS 602 Jonathan Attard ikkonfermaw ir-relazzjoni tagħhom bil-ġurament.

9. Mill-istqarrija ġuramentata ta' George Bonello jirriżulta li qal li kien mar ħdejn il-Magic Kiosk sabiex jixtri ħames pakketti eroina li għalihom ħallas Lm50. Ma kenitx l-ewwel darba li xtara minn għand din il-persuna għax kien xtara xi tlieta jew erba' darbiet. Kien ilu jixtri l-eroina minn għand din il-persuna għal 15-il ġurnata. Huwa kkonferma li l-qratas li kien xtara kienu l-istess li xtara minn għand din il-persuna. Huwa għaraf il-persuna li kien xtara minn għandha bħala n-numru 33.

10. PC 138 Joseph Portelli xehed li kien ra li George Bonello jarmi l-pakketti li mbagħad ġabru huma. L-imputat Massimo Caruana ma kienx fil-viċinanzi.

11. PC 579 Antoine Micallef xehed li minn taħt Massimo Caruana kien inġabar flixkun tal-ħġieġ li jagħtu l-ikel lit-trabi. Ġo fiha kien hemm borża bit-trab abjad. Fil-karozza tal-imputat kien hemm żewġ fliexken bħalu.

12. PC 349 John Farrugia ta l-istess dettalji li ngħataw minn PC 579 Antoine Micallef. Huwa żied jgħid li kienu elevaw xi flus u mobile phone.

13. Ex-PS 951 Joseph Tonna xehed li kienu marru The Strand Tas-Sliema fejn waqqfu lil ċertu George Bonello u fuqu sabu xi ħames qratas eroina.

14. PS 1057 Mario Cuschieri xehed li hu kien għajjat lil George meta kienu The Strand Tas-Sliema u dan mill-ewwel tefa' l-qratas mal-art.

15. PS 123 Saviour Galea xehed li kienu ffollowjaw lil Massimo Caruana u ħdejh kien sabu flixkun trab abjad.

16. PS 536 Jason Caruana kienu ffollowjaw lil Massimo Caruana u fuq il-post kienus abu vażett bi trab abjad. It-tfittxija fil-karozza tal-imputat saret fil-preżenza tiegħu.

17. George Bonello xehed fit-2 t'Ottubru 2007. Huwa ftakar li kien arrestat minħabba d-droga eroina. Il-Qorti qrat ix-xhieda li kien ta l-imputat.(fol86 sa 89). Huwa kkonferma li x-xhieda kienet tiegħu. Huwa ma ried iżid xejn max-xhieda tiegħu. Fil-kontro-eżami dan ix-xhud beda jgħid li isem l-imputat jiftakru iżda wiċċu le. Il-Qorti fakkritu kemm-il darba li kein bil-ġurament. Il-Qorti kellha tfakkru li meta għamel l-istqarrija kien għaraf ir-ritratt. Hawn ix-xhud qal li l-firma kienet tiegħu.

18. Għad-difiża xehdet Vicky Scicluna xehdet li l-imputat kien daħal programm u mbagħad, wara 8 xhur, kien telaq. Huwa baqa' għaddje tajjeb.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

19. L-ewwel nett m'hemmx dubju li l-ħames qratas li xtara George Bonello kien fihom l-eroina. Dan jirriżulta mill-analiżi tal-kontenut mill-espert maħtur matul l-inkesta u kkonfermat matul il-proċeduri. Ara analiżi ta' 98 CBZ 1001. Lanqas m'hemm dubju li l-imputat nstab b'ammont ta' kokaina fil-pussess tiegħu għaliex l-analiżi forensika tat riżultat ċar kemm tal-użin kif ukoll tat-tip ta' sustanza.

20. Mix-xhieda ġuramentata ta' George Bonello jirriżulta li huwa kien xtara d-droga dak in-nhar li kien arrestat u kien ilu jixtri minn għand l-istress persuna fl-aħħar ħmistax-il jum.Fl-istess stqarrija huwa għaraf ir-ritratt numru 33 li kien jindika lill-imputat li deher fl-Awla quddiem il-Qorti.

21. Meta George Bonello xehed quddiem il-Qorti pprova jagħti l-impressjoni li hu ma kienx jiftakar u li l-imputat kien inbidel. Huwa beda jiftakar ismu (li fl-istqarrija lanqas biss semmieh). Meta l-Qorfti qrtalu x'kein stqarr hu stess baqa' jgħid li l-firma kienet tiegħu – ukoll fuq ir-ritratt iżda ma kienx qed jiftkar id-dettalji.

22. Il-Qorti nnutat li kull darba lidan ix-xhud kien jiġi dahru mal-ħajt kien jgħid li l-firma kienet tiegħu iżda d-dettalji ma keinx jiftakarhom. Kien iwaħħal fiż-żien li għadda meta hu naqas li jidher il-Qorit meta kien debitament inġunt.

23. Bir-rispett kollu, il-Qorti għandu fl-atti tal-proċess mhux biss l-istqarrija li kien għamel George Bonello iżda l-firma tiegħu fuq ir-ritratt 33 li hu kien għaraf bla tabtija ta' xejn kif jidher mill-flow tal-istqarrija li kienet ikkonfermata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

24. Il-Liġijiet dwar id-droga – Kap 31 u Kap 101- jaċċettaw l-Istqarrija ġuramentata bħala parti mill-evidenza li tista' tkun prodotta fil-Qorti. Dan il-punt kien tqajjem ukoll quddiem il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ 'Camilleri versus Malta' li diġa' għamlet diversi aċċenni għalih din il-Qorfti kif preseduta. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma kienet sabet xejn ħażin li l-Qorti li qed tippresiedi taħgżel xi jkun qal xhud waqt l-istqarrija ġuramentata u tiskarta dak li jkun qal jew ipprova ma jgħidx quddiem il-Qorti seduta stante. Fid-dawl ta' dan

kollu, il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-persuna li George Bonello għaraf meta għamel l-istqarrija ġuramentata kien l-imputat. George Bonello qatt na nnega li l-firma fuq l-istqarrija u fuq ir-ritratt kienet tiegħu (jiġifieri ta' George Bonello) u r-ritratt huwa propju tal-imputat. Il-Qorti tirrepeti li waqt l-istqarrija George Bonello kien għaraf lill-imputat bħala l-bniedem li kien begħlu l-eroina dak in-nhar li George Bonello mar jixtri l-eroina minn ħdejn l-strand. Il-kliem eżatt tiegħu huwa:

***'In-number 33 qed nagħrfu bħala l-persuna li dawn l-aħħar ħmistax-il ġurnata jiena xtrajt id-droga eroina minn għandu u li qed nindika f'din l-istqarrija.'***

**25. Barra dan, fl-istess stqarrija, huwa kien qal li jekk jarah jagħrfu.**

**26. Għalhekk kull tentattiv ta' dan ix-xhud biex jipprova jimpressjona li ma kienx qed jiftakar mhux attendibbli.**

27. Il-persuna fir-ritratt hija propju l-imputat Massimo Caruana li l-Qorti kellha quddiemha.

28. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

29. Dwar it-tieni imputazzjoni,safejn għandu x'jaqsam il-pussess aggravat tal-eroina, (il-ħmaes qratas) din ġiet ippruvata u hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

**Konklużjoni**

30. Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), u 22(1B) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet b'parti biss mit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda u dan fejn jirrigwarda l-pussess ta' eroina f'ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu. Il-bqija tat-tieni imputazzjoni – dwar il-pussess aggravat tal-kokaina – din mhix assorbita.

31. Dwar il-piena, l-ewwel punt huwa d-dewmien ta' dawn il-proċeduri. Bir-rispett kollu jekk wieħed jassenti ruħu mill-proċeduri (ara fol.50) ma jistax wara jgħid li l-proċeduri twalu żżejjed.

32. Il-Qorti qieset li (a) l-ammont ta' kokaina ma kienx ftit – 21 gramma;

(b) li l-bejgħ tal-eroina ma kienx sar darba biss iżda diversi drabi.

33. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li qieset kull ċirkustanza, inkluża x-xhied mogħtija minn Vicky Scicluna dwar il-progress tal-imputat, kif ukoll li s-smigħ tax-xhud George Bonello dam biex sar qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' tmintax-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €900 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €50 kull xahar bl-ewwel ħlas isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk l-imputat ma jħallasx xi parti minn din il-multa, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

34. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 għaliex din l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

35. Il-Qorti qed tordna li jittieħed ritratt lid-droga u imbagħad din tkun distrutta taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------